Nru./No. 20,847
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 28 ta' April, 2022
Thursday, 28th April, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7497 - 7506
Government Notices ..... *7497 - 7506*

Avviżi tal-Gvern 7507
Notices *7507*

Avviżi tal-Qorti ..... 7507 - 7508
Court Notices ..... *7507 - 7508*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 447

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tat-3 ta' Mejju, 1974, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-28 ta' April, 2022
(File No. L745/73/I/6D ff - plot 6D)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Qormi:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3192.7 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' ABCD Property Holdings Ltd, min-Nofsinhar ma' Sqaq tal-Għarusa u mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri.

L-art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '6D' fuq il-pjanta P.D. Nru. 336A_73_B_3, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' mija u tletin elf, tmien mija u sbatax-il Ewro u sittax-il ċenteżmu (€130,817.16), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Robert C. Vella, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 447

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Governor General of the 3rd May, 1974, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

28th April, 2022

Description of the Land

The following land at Ħal Qormi:

A plot of land measuring about 3192.7 square metres, bounded on the West by property of ABCD Property Holdings Ltd, on the South by Sqaq tal-Għarusa and on the East and South East by Goverment property or more precise boundaries.

The land is shown delineated with the colour red and marked as plot '6D' on plan P.D. No. 336A_73_B_3, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is one hundred and thirty thousand, eight hundred and seventeen Euros and sixteen cents (€130,817.16), according to the valuation made by Architect Robert C. Vella, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-12 ta' April, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 7499.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' porzjon ta' art f'Ta' Farżina, Ħal Qormi, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank fis-sena 1974, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ta' Farżina, f'Ħal Qormi, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3192.7 metri kwadri, li tmiss mill-Punent ma' proprjetà ta' ABCD Property Holdings Ltd, min-Nofsinhar ma' Sqaq tal-Għarusa u mil-Lvant u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '6D' fuq il-pjanta P.D. Nru. 336A_73_B_3, u stmata għall-valur ta' mija u tletin elf, tmien mija u sbatax-il Ewro u sittax-il ċenteżmu (€130,817.16).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fil-25 ta' Frar, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Robert C. Vella

Il-15 ta' Marzu, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

12th April, 2022

This site plan is being published on page 7499.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land at Ta' Farżina, Ħal Qormi, required for exprpriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value in the year 1974, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the property mentioned below at Ta' Farżina, at Ħal Qormi, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 3192.7 square metres, bounded on the West by property of ABCD Property Holdings Ltd, on the South by Sqaq tal-Għarusa and on the East and South East by Goverment property or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot '6D' on plan P.D. No. 336A_73_B_3, and is valued for one hundred and thirty thousand, eight hundred and seventeen Euros and sixteen cents (€130,817.16).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 25th February, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Perit Robert C. Vella

15th March, 2022

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **253500 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 51655** **y = 70826**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5070**	Data: *Date:* **09/03/2022**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 3,193 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213393

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 448

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tat-3 ta' Mejju, 1974, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-28 ta' April, 2022

(File No. L745/73/I/6F ff - plot 6F)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Qormi:

Id-direttdominju perpetwu tal-biċċa art tal-kejl ta' madwar 297.3 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Spiteri u oħrajn jew irjieħ verjuri.

L-art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '6F' fuq il-pjanta P.D. Nru. 336A_73_B_3, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għad-direttdominju perpetwu tal-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' ħamest elef, tmien mija u tliet Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€5,803.76), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Robert C. Vella, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 448

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Governor General of the 3rd May, 1974, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

28th April, 2022

Description of the Land

The following land at Ħal Qormi:

The perpetual direct dominium of a plot of land measuring about 297.3 square metres, bounded on the North, on the South and on the West by property of Joseph Spiteri and others or more precise boundaries.

The land is shown delineated with the colour red and marked as plot '6F' on plan P.D. No. 336A_73_B_3, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the perpetual direct dominium of the above mentioned plot of land is of five thousand, eight hundred and three Euros and seventy six cents (€5,803.76), according to the valuation made by Architect Robert C. Vella, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-12 ta' April, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 7504.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tad-dirett dominju perpetwu tal-porzjon ta' art f'Ta' Farżina, Ħal Qormi, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur tad-dirett dominju perpetwu fis-sena 1974, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ta' Farżina, f'Ħal Qormi, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 297.3 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana, min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Spiteri u oħrajn jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '6F' fuq il-pjanta P.D. Nru. 336A_73_B_3, u stmata għall-valur ta' ħamest elef, tmien mija u tliet Ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€5,803.76).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fil-25 ta' Frar, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Robert C. Vella

Is-16 ta' Marzu, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

12th April, 2022

This site plan is being published on page 7504.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of the perpetual direct dominium of a portion of land at Ta' Farżina, Ħal Qormi, required for exprpriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the value of the perpetual direct dominium in the year 1974, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the property mentioned below at Ta' Farżina, at Ħal Qormi, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 297.3 square metres, bounded on the North, on the South and on the West by property of Joseph Spiteri and others or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot '6F' on plan P.D. No. 336A_73_B_3, and is valued for five thousand, eight hundred and three Euros and seventy six cents (€5,803.76).

Note: This is an extract of the original report given by me on the 25th February, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Perit Robert C. Vella

16th March, 2022

Nru. 449

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tat-3 ta' Mejju, 1974, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'xiri assolut.

Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

It-28 ta' April, 2022

(File No. L745/73/I/6F ff - plot 6F)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Qormi:

Is-sub direttt dominju perpetwu tal-biċċa art tal-kejl ta' madwar 297.3 metri kwadri, li tmiss mit-Tramintana, min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Spiteri u oħrajn jew irjieħ verjuri.

L-art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '6F' fuq il-pjanta P.D. Nru. 336A_73_B_3, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għas-sub direttt dominju perpetwu tal-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' sitt mija u disgħa u ħamsin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€659.18), skont l-istima li saret mill-Perit Arkitett Robert C. Vella, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

No. 449

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the Governor General of the 3rd May, 1974, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by absolute purchase.

I hereby declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

28th April, 2022

Description of the Land

The following land at Ħal Qormi:

The perpetual sub direct dominium of a plot of land measuring about 297.3 square metres, bounded on the North, on the South and on the West by property of Joseph Spiteri and others or more precise boundaries.

The land is shown delineated with the colour red and marked as plot '6F' on plan P.D. No. 336A_73_B_3, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the perpetual sub direct dominium of the above mentioned plot of land is of six hundred and fifty nine Euros and eighteen cents (€659.18), according to the valuation made by Architect Robert C. Vella, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

It-12 ta' April, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 7504.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tas-sub dirett dominju perpetwu tal-porzjon ta' art f'Ta' Farżina, Ħal Qormi, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur tas-sub dirett dominju perpetwu fis-sena 1974, liema valur ġie aġġornat mas-snin skont l-indiċi ta' inflazzjoni ppubblikat fl-Iskeda tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar u dan a rigward il-proprjetà hawn taħt deskritta f'Ta' Farżina, f'Ħal Qormi, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 297.3 metri kwadri, li tmiss mit-Tramintana, min-Nofsinhar u mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Spiteri u oħrajn jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar u mmarkata bħala plot '6F' fuq il-pjanta P.D. Nru. 336A_73_B_3, u stmata għall-valur ta' sitt mija u disgħa u ħamsin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€659.18).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fil-25 ta' Frar, 2022. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Robert C. Vella

Is-16 ta' Marzu, 2022

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

12th April, 2022

This site plan is being published on page 7504.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of the perpetual sub direct dominium of a portion of land at Ta' Farżina, Ħal Qormi, required for exprpriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the value of the perpetual sub direct dominium in the year 1974, which value was updated along the years according to the index of inflation published in the Schedule of the Housing (Decontrol) Ordinance and this regarding the property mentioned below at Ta' Farżina, at Ħal Qormi, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 297.3 square metres, bounded on the North, on the South and on the West by property of Joseph Spiteri and others or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red and marked as plot '6F' on plan P.D. No. 336A_73_B_3, and is valued for six hundred and fifty nine Euros and eighteen cents (€659.18).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 25th February, 2022. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Perit Robert C. Vella

16th March, 2022

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Sqalè 1:1000

0 20 40 60 80 100m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **253502 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 51669 y = 70835**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.* **5070**	Data: *Date:* **09/03/2022**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 297 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213394

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 450

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Mejju, 2016, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 461, limitatament għall-art hawn taħt deskritta.

It-28 ta' April, 2022
(File No. L 54.2013.II.3)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fin-Naxxar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 108 metri kwadri, li tmiss mil-Lvant u mix-Xlokk ma' triq pubblika u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

B'approvazzjoni tal-Onor. Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, ġie ddikjarat li l-biċċa art hawn fuq imsemmija fi Triq il-Katakombi, fis-Salina, limiti tan-Naxxar, m'għadiex aktar meħtieġa minn Infrastructure Malta u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha l-imsemmija biċċa art se tingħata lura lis-sidien.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. Nru. 2013_303B_2, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Is-26 ta' April, 2022

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 7506.

No. 450

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking the Declaration by the President of Malta published in the Government Gazette of the 11th May, 2016, under Government Notice No. 461, limitly for the land described hereunder.

28th April, 2022

Description of the Land

The following land at Naxxar:

A plot of land measuring about 108 square metres, bounded on the East and South East by a public road and on the South West by property of unknown owners or more precise boundaries.

With the approval of the Hon. Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects, it has been declared that the above mentioned plot of land in Triq il-Katakombi, at Salina, limits of Naxxar is no longer required by Infrastructure Malta and therefore this revocation is being made by which the mentioned plot of land will be returned to the owners.

The above mentioned land is shown delineated with the colour blue on plan P.D. No. 2013_303B_2, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

26th April, 2022

This site plan is being published on page 7506.

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **259191 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 48326** **y = 78436**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **4878**	Data: *Date:* **27/04/2022**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit John Schembri
Estate Management Department

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* CIRCA :- 108 m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 213479

Dritt imħallas *Fee Paid*

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar il-Ġimgħa, 29 ta' April, 2022, mid-9.30 a.m. sal-4.00 p.m., Triq San Nikola se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja matul dan il-ħin.

It-28 ta' April, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Friday, 29th April, 2022, from 9.30 a.m. till 4.00 p.m., Triq San Nikola will be closed for traffic. Parking of vehicles is not permitted during this time.

28th April, 2022

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

697

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2022, fl-atti tar-Rikors numru 1208/2007/AE fl-ismijiet Konkors ta' Kredituri ta' Christopher Gauci vs X, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Christopher Gauci u Pietà Marina Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Risposta tar-ritrattat il-Kummissarju tat-Taxxi (ġja Direttur Ġenerali (Taxxi)) għar-rikors għal ritrattazzjoni tal-kumpanija Pietà Marina Limited (C28863) l-imsemmi ritrattat il-Kummissarju tat-Taxxi oppona t-talba kkontenuta fir-rikors biex is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell deċiża fit-23 ta' Novembru, 2020, fl-ismijiet premessi tiġi ritrattata, wara li tiġi mħassra, peress illi kif qiegħda tallega r-ritrattanti s-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża billi d-deċiżjoni msemmija hija bbażata fuq l-allegazzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell applikat il-liġi ħażin. Ir-ritrattat il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi t-talba peress illi din ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 811(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura (il-Kap. 12) u dan peress illi s-sentenza de quo hija inkonformità mal-liġi u jistħoqqilha illi tiġi kkonfermata.

… omissis …

Illi l-liġi hija esplicita meta titkellem dwar il-privileġġ li jgawdi l-esponenti fuq l-assi tad-debitur meta l-esponenti jeżiġi l-ħlas lilu dovut taħt l-Att 318, f'dan il-każ il-kumpanija. Dan il-privileġġ jemani mil-liġi permezz tal-frazi: 'minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra' u jissupera dak li hemm imniżżel fil-Kodiċi u f'kull liġi oħra;

Illi fejn ir-ritrattanti qiegħda tiżbalja huwa illi ma fehmitx li fil-każ indiżamina bl-applikazzjoni tal-Artikolu 123 tal-Kap. 318 l-affarijiet inbidlu radikalment vis-à-vis Christopher Gauci. Illi rritrattanti m'għandhiex raġun f'dak li kitbet fil-paragrafu 5.1.4.8 tar-rikors tagħha illi l-Qorti kellha tapplika l-artikolu 1094 et sequitur tal-Kap. 16 fil-każ indiżamina;

By order given by the Court of Appeal on 17 March 2022, in the records of Application No. 1208/2007 in the name of Competition of Creditors of Christopher Gauci vs X, the following publication was ordered to serve as notice to the respondents Christopher Gauci and Pietà Marina Limited in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By reply of the respondent Commissioner for Revenue (former Director General (Revenue)) to the application for retrial of the company Pietà Marina Limited (C28863) the said respondent the Commissioner for Revenue opposed the request contained in the application to have the judgment of the Honorable Court of Appeal decided on 23rd November, 2020, in the preceding names re-tried, after being annulled, since as the applicant is alleging the judgment was an effect of error as the said decision is based on the allegation that this Honorable Court of Appeal applied the law erroneously. The respondent Commissioner for Revenue opposes the request as it does not meet the requirements of section 811(e) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12). This is because the judgment de quo is not in breach of the law and deserves to be upheld.

… omissis …

Whereas the law is explicit when it speaks of the privilege enjoyed by the exponent on the debtor's assets when the exponent demands the payment due under Act 318, in this case the company. This privilege emanates from the law through the phrase: 'notwithstanding the provisions of any other law' and supersedes what is set out in the Civil Code and any other law;

That is where the applicant is making a mistake in that he did not understand that in the case in question that he is examining with the application of Article 123 of Cap. 318 things have changed radically vis-à-vis Christopher Gauci. That applicant is mistaken in what is written in paragraph 5.1.4.8 of the application that the Court should have applied section 1094 et sequitur of Cap. 16 in the case under examination;

… omissis …

Illi fil-fehma umili tar-ritrattat Kummissarju legalment u loġikament din l-Onorabbli Qorti ma setgħetx tagħmel mod ieħor ħlief illi tapplika l-liġi kif ried il-Legiżlatur. Gauci kien direttur u mhux sempliċi impjegat tal-kumpanija. Huwa ċar kristall illi l-artikolu 123 jestendi t-talba privileġġjata tal-esponenti msemmija fl-artikolu 116(3) għal fuq l-assi personali tad-debitur;

Illi ma hemmx dubbju illi Christopher Gauci bħala direttur ta' Price Club Operators Limited kien ikkunsidrat bħala uffiċjal tal-istess u kwindi legalment u loġikament kellu jiskatta l-privileġġ imsemmi fl-Artikolu 116(3) tal-Kap. 318 anke fuq l-assi personali tiegħu in vista tas-sentenzi tal-qrati nostrali li sabuh responsabbli personalment ta' fraudulent trading u din ir-responsabbiltà hija in solidum;

Illi l-esponenti ritrattat jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet su esposti tikkonferma s-sentenza tagħha tat-23 ta' Novembru, 2020, fl-ismijiet: Konkors tal-Kredituri ta' Christopher Gauci vs X, Rikors numru 1208/07 AE, billi hija ġusta u peress illi applikat sewwa l-liġi u inoltre billi ma jeżistux ir-raġunijiet imsemmija fil-paragrafu (e) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 kif imsemmija fir-rikors tar-ritrattanti għalbiex is-sentenza de quo tiġi ritrattata.

Għaldaqstant l-esponenti jesponi bir-rispett illi t-talba tar-rikorrenti ritrattanti Pietà Marina Limited għar-ritrattazzjoni tas-sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020, għandha tiġi miċħuda għal dak li ngħad supra u s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li fil-parti deċiżorja tas-sentenza tagħha kkonfermat is-sentenza appellata u ċaħdet l-appell ta' Pietà Marina Limited tiġi kkonfermata. Bl-ispejjeż kontra r-ritrattanti.

Ir-Rikors numru 1208/2007, fl-ismijiet Konkors ta' Kredituri ta' Christopher Gauci vs X, jinsab iddifferit għas-smigħ għad-9 ta' Ġunju, 2022, fil-11.40 a.m.

Notifika Appellat: 1) Pietà Marina Limited, Forth Mansions, Block C11, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex

2) Christopher Gauci, 37, Windsor Terrace, Flat 11, Triq Windsor, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli), illum 26 ta' April, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

… omissis …

Whereas in the humble opinion of the respondent Commissioner legally and logically this Honorable Court could only apply the law as the legislator wanted. Gauci was a director and not just an employee of the company. It is crystal clear that Article 123 extends the privileged claim of the applicant referred to in Article 116 (3) over the personal assets of the debtor;

Whereas there is no doubt that Christopher Gauci as director of Price Club Operators Limited was considered an official of the same and therefore legally and logically the privilege mentioned in Article 116 (3) of Cap. 318 was triggered as well as on his personal assets in view of the judgments of our courts which found him personally liable for fraudulent trading and this liability is joint and several;

Whereas the respondent exponent respectfully requests that this Honorable Court for the above reasons confirms its judgment of 23rd November, 2020, in the names: Competition of Creditors vs Christopher Gauci vs X, Application number 1208/07 AE, because it is just and because it had properly applied the law and also because the reasons mentioned in paragraph (e) of Article 811 of Cap. 12 as stated in the applicants' retrial action for the judgment de quo to be retried do not exist.

Therefore, the applicant respectfully states that the applicant's claim Pietà Marina Limited for the retrial of the judgment of 23 November 2020 shall be dismissed because of what is stated above and the judgment of the Honorable Court of Appeal which in the deciding part of its judgment upheld the judgment under appeal and dismissed the appeal of Pietà Marina Limited be confirmed. With costs against the applicants.

Application number 1208/2007, in the names Competition of Creditors vs Christopher Gauci vs X, is adjourned for hearing on 9th June, 2022, at 11.40 a.m.

Notify Respondents: 1) Pietà Marina Limited, Forth Mansions, Block C11, Ta' Xbiex Seafront, Ta' Xbiex

2) Christopher Gauci, 37, Windsor Terrace, Flat 11, Triq Windsor, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts (Appeals), today 26th April, 2022

DR F. BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603